



Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8057/26

LIMITE

CORLX 349  
CFSP/PESC 506  
CSDP/PSDC 219  
EUMAM MOZ 3  
EUTM MOZ 2  
COAFR 93  
CSC 219

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Frar 2026, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-EUMAM Mozambique, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-missjoni jiġi estiż b'sitt xhur sal-31 ta' Diċembru 2026, u stieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jippreżenta Valutazzjoni Strateġika f' Settembru 2026.
- (2) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-Missjoni għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 għandu jkun ta' EUR 3 140 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 50 % għall-impenji u 0 % għall-ħlasijiet.”;

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-Missjoni għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2026.”;

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*